MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 861/2012

Licia **Borg**

**Vs**

**HSBC Bank Malta plc, Bank of Valletta plc, APS Bank plc, Malta Stock Exchange plc, Lombard Bank Malta plc, Global Capital plc, Farsons Cisk plc, Tumas Investment plc u Rita Cassar imsejha fil-kawza b'digriet tas-27 ta' Settembru 2012**.

Wara s-sentenza preliminari li nghatat fis-27 ta' Gunju 2013, fadal li tinghata decizjoni fil-meritu dwar l-ewwel talba li taqra:

*"1. Tiddikjara li l-attrici ghandha dritt li tirtira u tinkassa minghand kull persuna bank u awtorita ohra kull somma ta' flus kapitali u titoli ta' fondi pubblici li jghajtu lil zewgha l-mejjet Philip Borg li huma soggetti ghal uzufrutt favur taghha skond id-disposizzjonijiet tal-Ewwel Artikolu tat-testment tat-23 ta' Settembru 1996 atti Nutar Nicola Said."*.

L-eccezzjonijiet tal-konvenuta huma:

1. Ghadha m'accettatx il-wirt ta' missierha Philip Borg li miet fis-17 ta' Frar 2011.
2. Il-kawza saret kontra entitajiet li m'humiex il-legittimi kontraditturi ghat-talbiet tal-attrici[1].
3. L-attrici thalliet legat ta' uzufrutt minghand zewgha. Ghalhekk l-ewwel artikolu tat-testment irid jigi nterpretat u applikat fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili.
4. Skond l-Artikolu 328 tal-Kap. 16, 'l-uzufrutt huwa l-jedd reali li wiehed igawdi l-hwejjeg li taghhom haddiehor ghandu l-proprjeta, bl-obbligu li jzomm is-sustanza taghhom sew fil-materja kemm fil-ghamla.". L-attrici ghandha l-jedd li tircievi l-frott. Madankollu b'nota prezentata fil-25 ga' Ottubru 2012, l-attrici ddikjarat li ser tuza l-flus meta tigi bzonnhom Ghalhekk trid li jkollha l-jedd li tiddisponi mill-kapital u mhux mill-imghax biss. Haga li ma tistax taghmel ghaliex tmur kontra l-Artikoli 328 u 332 tal-Kodici Civili.
5. L-attrici m'ghandha l-ebda htiega li tinkassa l-kapital intestati f'isem zewgha, ghaliex ghandha bizzejjed flus.
6. Fir-rigward tal-investimenti f'isem id-defunt Philip Borg u l-attrici, ladarba l-attrici tressaq prova li dawn l-investimenti jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn Philip Borg u l-attrici, ma topponix li nofs l-investimenti jittiehdu mill-attrici.
7. F'kull kaz m'ghandix tbati spejjez tal-konvenuti l-ohra.

Filippo Borg miet fis-17 ta' Frar 2011 u l-wirt tieghu hu regolat minn testment *unica charta* tat-23 ta' Settembru 1996 (fol. 7). L-Ewwel Artikolu jaqra:

*"It-testaturi Philip u Licia Borg jhallu lil xulxin cioe' dak li jmut l-ewwel lil dak li jibqa' haj u ghal tul hajtu kollha l-uzu u l-uzufrutt in generali ossia t-tgawdija tal-beni taghhom kollha mobbli u immobbli, korporali u inkorporali prezenti u futuri, ezenti minn kull obbligu legali tal-inventarju u tal-kawzjoni; bil-fakolta' fit-testatur li jibqa' haj l-ahhar li jkun jista' jirtira u*

[1] Eccezzjoni li giet irtirata (ara nota ta' sottomissjonijiet tas-26.2.2014).

*jinkassa min ghand kull persuna, Bank u Awtorita' ohra kull somma ta' flus, kapitali u titoli ta' fondi pubblici soggetti ghall-imsemmi uzufrutt.".*

Mill-provi rrizulta li Philip Borg kellu dawn l-investiment registrati f'ismu, li whud minnhom huma wkoll f'isem martu kif ser jinghad hawn taht:

1. **<u>Malta Stock Exchange</u>**.

i. 9183779 - 6.25% Tumas Investment plc Bonds 2014-2016 – 4,200.
ii. 9183779 – 6.25% Tumas Investment plc Bonds 2017-2020 – 57,000.
iii. 9628681 – 6.25% Tumas Investment plc Bonds 2014-2016 (f'isem tal-attrici u Philip Borg)[2] – 4,200.
iv. 9183779 – 5.6% Global Capital plc Euro Bonds 2014/2016 – 12,400.
v. 9628681 - 2,200 – 6% Simonds Farsons Cisk plc Bonds 2017-2020 f'isem l-attrici u zewgha (fol. 265).
vi. 6,000 – 6.2% Mizzi Org. Finance plc Bonds 2016-2019 (fol. 44).

**<u>Bank of Valletta plc</u>**.

i. Savings 40018641673 – bilanc ta' €45,241.73 fil-25 ta' Frar 2013 (fol. 143).
ii. Term Deposit 18202384011 – bilanc ta' €2,321.36 fit-30 ta' Marzu 2013 (fol. 144).

**<u>Lombard Bank</u>**.

i. Term Deposit 0152050266602 – bilanc ta' €116,318.67 fl-4 ta' Dicembru 2012[3].

**<u>HSBC</u>**.

i. 044-119600-001 – bilanc ta' €14,394.49 fid-19 ta' Settembru 2013 (fol. 178). Dan jidher li hu dejn.
ii. Term Deposit 044-006047 – bilanc ta' 6,149.55 (fol. 181).
iii. Term Deposit 044-042208 – bilanc ta' €93,174.94 (fol. 213), f'isem l-attrici u zewgha.
iv. Savings 044-042208-451 – bilanc ta' £23,786.71 f'isem l-attrici u zewgha (fol. 232).
v. Savings 044-042208-452 – bilanc ta' €138.58 f'isem l-attrici u zewgha (fol. 247).

[2] B'riferenza ghall-investmenti f'bonds f'Tumas Investment plc, ara dokument a fol. 121 (CZM1).
[3] Ara dokument a fol. 148 (JL3).

**<u>APS</u>**.

i. Savings 2000015368-1 – bilanc ta’ €11,598.36 fil-5 ta’ Novembru 2012. Dan il-kont qieghed f’isem l-attrici u zewgha (fol. 252).
ii. Savings 2000094183-4 – bilanc ta’ €4.60 fit-30 ta’ Dicembru 2011. Dan il-kont qieghed f’isem l-attrici u zewgha (fol. 253).
iii. Term Deposit 2000094179-2 – bilanc ta’ 160,409.89 fil-5 ta’ Novembru 2013. Dan il-kont qieghed f’isem l-attrici u zewgha (fol. 256).

2. L-attrici hi legatarja. Ghalhekk trid titlob lill-werrieta sabiex titpogga fil-pussess (Artikolu 726 tal-Kodici Civili). Minhabba oggezzjoni ta’ bintha Rita Cassar, l-attrici qeghda ssib diffikulta’ biex tillikwida l-investimenti u tiehu l-flus. Rita Cassar qeghda ssostni li ghadha ma ddeciditx dwar jekk ghandix taccetta l-wirt ta’ missierha jew inkellha titlob il-porzjon rizervata. Madankollu, irrispettivament jekk il-konvenuta accettatx il-wirt ta’ missierha, hu evidenti li qeghda ssostni li ommha m’ghandix jedd li tigbor il-flus mill-kontijiet bankarji u li tillikwida l-investimenti. Ghalhekk hemm bzonn li tinghata dikjarazzjoni mill-qorti. It-tfal l-ohra, Marika Zammit u Albert Borg, m’humiex joggezzjonaw ghat-talba (fol. 50-51).

3. Id-dizgwid bejn il-partijiet hu dwar l-interpretazzjoni li ghandu jinghata lill-Ewwel Artikolu tat-testment. Filwaqt li l-attrici ssostni li ghandha jedd li tiehu l-flus li hemm fil-kontijiet tal-banek u tillikwida l-investimenti, il-konvenuta ma taqbilx u ssostni li l-jedd ta’ uzufrutt ma jatix id-dritt lill-attrici li tiehu l-kapital.

4. Fl-Ewwel Artikolu tat-testment *unica charta* jinghad:

*“bil-fakolta’ fit-testatur li jibqa’ haj l-ahhar li jkun jista’* ***jirtira u jinkassa min ghand kull persuna, Bank u Awtorita’*** **ohra** *kull somma ta’ flus, kapitali u titoli ta’ fondi pubblici soggetti ghall-imsemmi uzufrutt.”* (enfazi mizjuda).

Fil-fehma tal-qorti, din il-klawzola hi cara u ma tatix lok ghal dubju. L-attrici, bhala legatarja ta’ zewgha, ghandha kull jedd li tiehu l-flus li hemm depozitati l-bank u tillikwida l-investimenti. It-testatur ma rabatx dan id-dritt ma’ xi kundizzjoni li martu trid tkun fil-bzonn. Ghalkemm il-konvenuta argumentat li l-jedd moghti lill-attrici *“m’huwiex mahsub illi jigi ezercitat kappriccozament izda* ***<u>biss f’kaz fejn tqum il-htiega ghalih</u>****, f’xenarju fejn is-superstiti tirriskontra diffikultajiet finanzjarji minhabba l-qaghda illi taf tispicca fiha wara l-mewt tal-parti l-ohra.”* (ara nota ta’ sottomissjonijiet). Il-qorti ma taqbilx. Li kieku din kienet l-intenzjoni tat-testatur, kienet tigi riflessa fl-Ewwel Artikolu. Jekk il-qorti kellha taqbel mat-tezi tal-konvenuta tkun qeghda tintroduci fl-Ewwel Artikolu, kundizzjoni li ma tissemmix. Ir-riferenza li ghamlet il-

konvenuta ghas-sentenza **M. Vassallo vs Chev. J.G. Coleiro** tal-Qorti tal-Appell, 11 ta' Frar 1993, m'hijiex flokha in kwantu f'dik il-kawza l-vertenza ma kenitx dwar jekk mart it-testatur setatx tirtira l-flus fil-banek jew istituzzjoni ohra, biss f'kaz ta' bzonn, izda jekk l-interess f'kumpanniji li t-testatur halla lill-ibnu, kienx ukoll soggett ghall-uzufrutt tal-beni kollha li kien halla lil martu.

Inoltre, dak li setghet ghamlet l-attrici wara l-mewt ta' zewgha, cjoe' l-ghoti ta' proprjeta' b'donazzjoni (ara hames eccezzjoni), hu irrilevanti ghal finijiet ta' din il-kawza.

5. Permezz ta' nota prezentata fil-25 ta' Ottubru 2012 l-attrici ddikjarat:

   *"Li kif irriteniet fl-affidavit taghha hawn anness Dok (v) hija trid li jekk tigi bzonnhom tkun tista' tuzahom kif ried zewgha minghajr ma titlob il-karita' minghand uliedha. Fuq kollox ghalhekk hija u zewgha ghamlu din il-klawzola biex ma jigu bzonn hadd."* (fol. 42).

   F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:

   i. Skond l-Artikolu 328 tal-Kodici Civili, *"l-uzufrutt huwa l-jedd li wiehed igawdi l-hwejjeg li taghhom haddiehor ghandu l-proprjeta', bl-obbligu li jzomm is-sustanza taghhom sew fil-materja kemm fil-ghamla."*. Pero' Philip Borg ta lill-martu l-jedd li tirtira l-flus u tillikwida l-investimenti. Mela kien it-testatur stess li ta d-dritt lil martu sabiex *"jirtira u jinkassa min ghand kull persuna, Bank u Awtorita' ohra kull somma ta' flus, kapitali u titoli ta' fondi pubblici soggetti ghall-imsemmi uzufrutt."*. Fil-fehma tal-qorti b'din il-klawzola l-attrici giet ezonerata mill-obbligu li ma tibdilx is-sustanza tal-oggett u m'ghandix bzonn il-konkors tal-werrieta ta' zewgha.

   ii. Skond l-Artikolu 329 tal-Kodici Civili, flus huma fost l-oggetti li uzufruttwarju ghandu l-jedd li jinqeda bihom. Mela ladarba l-attrici jkollha l-flus f'idejha, ghandha jedd li tinqeda bihom. Fis-sentenza **Carmelo Galea et vs Edgar Preca et**, din il-qorti[4] qalet: *"Biex wiehed jiddisponi mill-proprjeta' ta' haga hemm bzonn illi jkun proprjetarju; u appuntu dan hu l-karattru essenzjali tal-kwazi-uzufrutt, jigiferi dak li l-uzufruttwarju jkun il-proprjetarju tal-haga, imma bl-obbligu li meta jispicca l-uzufrutt jirrestitwixxi, mhux dik il-haga in-natura, imma l-valur taghha….."*. Pero' xorta jibqa' l-obbligu li meta jispicca l-uzufrutt, il-kapital jithallas lura lill-werrieta ta' Philip Borg[5]. Fil-

[4] Imhallef J. Caruana Colombo (Vol. XXXVIII.ii.429).

[5] Fis-sentenza **William Micallef et vs Rita Micallef** tal-11 ta' Frar 2001, din il-qorti (Imhallef G. Caruana Demajo) osservat *"L-uzufrutt ta' hwejjeg fungibbli, bhal ma huma flus, huwa kwazi-uzufrutt, u l-uzufruttwarju jsir sid tal-flus: jista' jinqeda bihom, bl-obbligu li jroddhom fi tmiem l-uzufrutt, mhux qabel. Dan ighidu car l-art. 329 tal-Kodici Civili….. Il-konvenuta kienet ghalhekk qieghda tineda bi*

fehma tal-qorti, kieku t-testatur ried mod iehor kien ihalli b'legat il-proprjeta u mhux l-uzu[6] u l-uzufrutt.

6. Jirrizulta wkoll li hemm investimenti u depoziti bankarji f'isem l-attrici u zewgha. Skond l-Artikolu 1321(1) tal-Kodici Civili:

   *"Il-beni kollha li l-mizzewgin ikollhom jew parti minnhom kollha, jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'ohra."*.

   Mela l-attrici ghandha l-presunzjoni favur taghha. Kien ghalhekk jispetta lill-konvenuta li taghti prova kuntrarja. Dan qieghed jinghad b'riferenza ghas-sitt eccezzjoni. Hu ghalhekk evidenti li l-gid li hemm fil-kontijiet bankarji registrati f'isem Philip Borg u l-investiment f'kumpanniji lokali, huma prezunti li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ma tressqet l-ebda prova li twaqqa' din il-presunzjoni. Ghalhekk hu evidenti li m'hemmx raguni ghalfejn il-konvenuta ma ghamlitx ghallinqas dikjarazzjoni cara li ommha tista' tiehu nofs il-flus u l-investimenti registrati f'isem Philip Borg.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi:-**

1. **Tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu li tat il-konvenuta[7], u tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara li skond l-Ewwel Artikolu tat-testment *unica charta* tat-23 ta' Settembru 1996 pubblikat min-nutar Dr Nicola Said (fol. 7), ghandha jedd li:**
   **(a) tirtira l-flus mill-kontijiet bankarji li hemm mal-banek fuq imsemmija; u**
   **(b) tillikwida l-investimenti fil-kumpanniji fuq imsemmija;**
   **u li huma registrati f'isem zewgha Philip Borg jew konguntivament f'isem zewgha Philip Borg u f'isimha[8].**

2. **Ghal kull buon fini tiddikjara li t-tieni talba giet ezawrita ladarba l-attrici rrinunzjat ghall-kawza fil-konfront tal-banek, kumpanniji u Malta Stock Exchange plc (ara sentenza parzjali).**
3. **Tilqa' s-seba' eccezzjoni tal-konvenuta.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta Cassar, b'dan li l-attrici ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' dawk il-konvenuti li fil-konfront taghhom irrinunzjat il-kawza[9].**

---

*dritt taghha meta qassmet flus tal-wirt, ukoll jekk hija ghandha biss l-uzufrutt, jew, fan il-kaz, il-kwazi-uzufrutt, ta' dawn il-flus"*.

[6] Skond l-Artikolu 392(3) tal-Kodici Civili: *"Il-jedd ta' uzu ta' hwejjeg li jigu kkunsmati bl-uzu jitqies bhala uzufrutt."*.

[7] B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni, il-qorti ma tarax li hemm bzonn ta' xi dikjarazzjoni in kwantu l-eccezzjoni hi biss dikjarazzjoni ta' fatt.

[8] Din l-ordni tapplika wkoll ghal dak li hu registrat f'isem kongunt bejn l-attrici u Philip Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Ara n-nota ta' cessjoni prezentata fil-21.12.2012 (fol. 64).